Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 263/2011

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU**

Rat ir-rikors guramentat, ipprezentat fis-26 ta' Awwissu 2011 li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi hija kienet izzewget lill-konvenut fis-7 ta' Lulju 2007 u minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal;

2. Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett peress li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-konvenut li twettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:
1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fis-27 ta' Lulju 2007 huwa null u minghajr effett legali ai termini ta' artikolu 19 subartikolu 1 paragrafu (d) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975 dwar iz-Zwieg (Kap 255);
2. Konsegwentement tornda li din in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.
Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.
Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici;
Rat l-elenku tad-dokumenti pprezentati;
Rat ir-risposta guramentata bl-eccezzjonijiet u l-kontro-talba tal-konvenut C D li espona illi:
1. Filwaqt li l-konvenut ma jopponiex ghall-pronunzjament tad-dikjarazzjoni ta' nullita' bejnu u bejn l-attrici, issostni li din ghandha tigi ppronunzjata mhux minhabba ragunijiet imputati lilu fir-rikors guramentat, izda ghal-ragunijiet imputati lill-attrici stess kif se jigi elaborat fil-kontro-talba;
2. Illi l-allegazzjonijiet ta' l-attrici huma nfondati peress li mhux minnu li l-konvenut kellu difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-konvenut li jwettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg;
3. Il-konvenut m'ghandux jehel l-ispejjez ta' dawn il-proceduri u li ghandha tehelhom kollha l-attrici billi n-nullita' taz-zwieg hija attribwita lil attrici.
Bl-ispejjez kontra l-attrici ngunta ghas-subizzjoni.;
Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;
Rat il-kontro-talba tal-konvenut illi espona is-segwenti:
1. Illi l-konvenut javalla ruhu mill-azzjoni attrici sabiex jipproponi azzjoni rikonvenzjonali u dan *ai termini* ta' l-artikolu 396 tal-kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Illi huwa zzewweg lil A B fis-27 ta' Lulju 2007;
3. Illi l-kunsens tal-attrici rikonvenzjonata kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjoni essenzjali taz-zwieg u dan *a termini* ta' l-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi l-kunsens tal-attrici rikonvenzjonata kien vizzjat minhabba l-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u specjalment ghad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Illi l-attrici rikonvenzjonata, ghalkemm mhux interdetta jew marida minn mohha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanji, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dan ai termini ta' l-artikolu 19 (1) (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Illi minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-Att XXXVII li jirregola z-zwieg, iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett fil-ligi;
Talab lil din il-Qorti:
1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntratt bejn il-kontendenti fi 27 ta' Lulju 2007 huwa wiehed null u bla effett fil-ligi at termini ta' l-Artikolu 19 (1) (f) u jew/ l-Artikolu 19 (1) (d) u/jew l-Artikolu 19 (1) (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna ghalhekk in-nullita tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.
Bl-ispejjez kontra l-attrici rikonvenzjonata;
Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici rikonvenzjonata;
Rat l-elenku tad-dokumenti prezentati;
Rat ir-risposta guramentata ta' A B li permezz taghha iddikjarat:
1. Illi mhux minnu li l-kunsens ta' l-attrici kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;
2. Illi lanqas ma hu minnu li l-kunsens ta' l-attrici kien vizzjat minhabba eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u specjalment ghad-dritt all-att taz-zwieg;
3. Illi lanqas ma huwa minnu illi l-attrici ma kellhiex setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex tohloq il-kunsens taz-zwieg.
Salv ecczzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-process inkluz l-affidavits;
Semghet ix-xhieda viva voce;
Rat id-digriet moghti fl'udjenza tal-10 ta' Lulju 2013 fejn bis-sahha ta' l-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, L-Artikolu 19 (1) (c) fil-kontra-talba tal-konvenut jigi sostitwit bl-Artikolu 19 (1) (f);
Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet;
Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat:

**Provi**

Mill-provi mressqa jirrizulta illi wara sitt (6) snin gherusija l-partijiet izzewgu fis-27 ta' Lulju 2007 u damu circa sentejn jghixu flimkien. Minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.
L-attrici kellha tmintax-il (18) sena meta lltaqghet mal-konvenut li kellu erbgha u ghoxrin (24) sena wara li kienet ilha xaghrejn li harget minn relazzjoni ohra li kienet ilha sejra erba' (4) snin.
*Verzjoni attrici*
L-attrici xehdet bil-mezz ta' affidavit (fol. 44 et Seq.) Fix-xhieda taghha l-attrici tghid li waqt l-gherusija ma saritx taf lil zewgha peress li ma tantx kien hemm komunikazzjoni bejniethom; wara ix-xoghol il-konvenut kien imur id-dar tal-familjari taghhu u kien jorqod. Rari kienu johorgu flimkien u tirrakonta incidenti ta' meta kienu johorgu, meta hu kien jaghzel li joqghod ghar-rasu, il-boghod mill-ohrajn, ma kienx jissocjalizza u gieli anke kien jorqod. Tilmenta kemm ma kienx jafdaha ma' shaba fuq ix-xoghol u kien ikun irid jaf kollox specjalment fuq il-flus li tonfoq.
Tirrakonta li *'Minkejja li konna ilna erba' (4) snin gharajjes qatt m'urini x-xewqa li jizzewwigni jew xi sinjal li naghmlu pass lejn iz-zwieg.'* (folio 46) Meta espremiet ix-xewqa li tizzeweg il-konvenut kien qalilha li ' *billi jizzewweg lili ma kien se jiggwadanja xejn'.*
Ir-relazzjoni waqt l-gherusija maz-zmien bdiet tiddeterjora: - *'L-affarijiet bdew sejrin ghall-aghar u ddecidejt li nwaqqaf ir-relazzjoni.'* Gara pero' li l-konvenut ma accetax din il-waqfa u baqa' jigri warajha sakemm fl-ahhar l-attrici cediet imma *'Meta accetta li naghmlu data tat-tieg din saret bil-patt u l-kundizzjoni li mmorru noqoghdu f'post li kien ta' missieru u li hu kellu fuq ismu'*.

Tixhed li dan il-post kien zghir u ma kienx f'kundizzjoni li tghix fih; kienet tinsisti li jaghtiha ic-cavetta sabiex tibda tirrangah imma ic-cavetta baqa' ma taghilhiex. Xahar qabel it-tieg inqalghu problemi ghax il-post ma kienx jappartjeni lil missieru biss u ma setghux imorru jabitaw fih. Din l-attrici haditha bi kbira u wara hafna tfittxija sabu post iehor.

Qabel iz-zwieg, peress li ma kinitx qieghda thossha sewwa fir-relazzjoni iddecidew li jmorru jiehdu parir minghand Fr Hayden Williams u tghid li *'Hu (Fr Hayden Williams) kien tana parir biex inhassru d-data tat-tieg u naghtu ftit iktar cans izda C ma ridtx jisma' ghax diga kellna kollox lest u konna ser nitilfu l-flus tad-deposits li hrigna ghat-tieg.'*

Dwar il-gurnata tat-tieg l-attrici tirrakonta: *'Niftakar lejliet it-tieg ghaddejtu nibki u qabduni dwejjaq kbar'* ....... *Ittamajt illi la nizzewgu u nibdew hajja gdida, l-affarijiet imorru ghall-ahjar u C forsi jibdel xi ftit l-attitudini li kellu lejja.'*

Fil-hajja mizzewga il-karattru u l-attitudini tal-konvenut ma tbiddlux. Issemmi kif kienet taghmel minn kollox sabiex tikkuntentah u hu imaqdarha fuq kollox u dan waqt li kien ifahhar lill-habiba tieghu - *'jien kemm-il darba ppruvajt nispjegalu u nghidlu li l-hajja mizzewga kienet xi haga gdida ghalija wkoll u biz-zmien l-affarijiet nidra naghmilhom ahjar u li xtaqt li x-xoghol tad-dar jinqasam bejnietna peress li t-tnejn konna nahdmu izda dejjem fuq widnejn torox waqa'.* Tispjega li anke kien aggressiv maghha u tirrakonta episodju meta kien aggressiv anke mal-kelb favorit taghha. Tghid *Hu dejjem ippjana hajtu u jien ridt nara kif naghmel u naddatta ghall-pjan li jkun ghamel hu, qatt ma ppjanajna affarijiet flimkien jew iddiskuta mieghi fuq xejn.'*

Il-konvenut gietu okkazzjoni li jmur jahdem sitt (6) xhur il-Germanja u wahdu iddecieda li jmur wahdu u dan nonostante li tlett (3) sacerdoti differenti li maghhom ikkonsultaw tawhom il-pariri li ma kellux imur peress li ma kellhomx jisseparaw minn xulxin daqshekk kmieni fil-hajja mizzewga taghhom; pero' xorta iddecieda li jmur.

L-attrici sabet ruha wahedha, u f'din il-hajja tistqarr: *'rrealizzajt illi hu kien johnoqli hajti u ma jhallili post ghal xejn iktar hlief ghal dak li jrid hu. Ghall-ewwel darba f'hajti*

*stajt naghmel l-affarijiet li nhobb jien wkoll .........Ghalkemm kont kuntenta, kont naf li l-fatt li nhossni ahjar minghajr ir-ragel wara daqshekk ftit zmien mizzewgin jfisser li hemm xi haga hazina hafna.'* (folio 50)

Meta gie lura Malta l-attrici ma marritx tghix mieghu imma marret toqghod ghand ommha u wara ftit il-konvenut baghat ghaliha sabiex imorru counselling ghand Fr Paul u hi accettat. Fr Paul kien qalilohom *'illi kieku morna quddiemu bhala gharajjes ma kienx itina parir biex nizzewgu ghax ma kienx jahseb li ahna kompatibbli izda la llhaqna zzewwigna nippruvaw insalvaw iz-zwieg. Jiena ukoll xtaqt insalva z-zwieg f'kollox u attendejt ghall-laqghat kollha. Matul dawn il-laqghat C kien jaghtini ragun f'kollox u jammetti li kien zbalja. Jiena kelli tama qawwija illi ser jibda himxi mieghi b'mod differenti u hsibt li forsi fl-ahhar nistghu nkunu kuntenti flimkien. Ghalhekk fuq il-parir ta' Fr Galea jiena ergajt mort lura fid-dar matrimonjali.*

Regghu bdew jghixu flimkien, pero' wara ftit tghid li '*Bqajna sejrin mill-hazin ghall-aghar u bdejt inhoss illi inqas ma nqattghu hin flimkien iktar ahjar ghax b'hekk biss ma niggieldux.'* Impenjat ruhha fix-xoghol biex tevita li toqghod id-dar. Gara li nqabdet tqila pero' wara ftit xhur korriet.

Is-sitwazzjoni baqghet tiddeterjora tant li, l-attrici wara ftit regghet telqet mid-dar matrimonjali ghax ma felhitx aktar. Kien ta' spiss jghidilha li ghandha problemi psikologici u fuq insistenza tieghu biex tmur tkellem psikologa marret u *'Ghalkemm jiena qatt ma hassejt il-bzonn xorta wahda accettajt li mmur inkellimha. Wara li mort inkellimha xi tlett (3) darbiet il-psikologa qaltli li ma kinitx tara l-bzonn ghalfejn ghandi nkompli mmur ghax ma kelli l-ebda problema psikologika u kont prattikament qed immur ghalxejn.'* Ir-relazzjoni tant iddeterjorat li wara glieda qawwija il-konvenut kien spicca ukoll l-isptar sabiex jigi imoniterjat minn psikjatra u kienu qalulha *Xi granet wara dahal l-isptar fil-psychiatric unit u anha konna morna narawh ukoll..........kien qalli li l-problema tieghu mindu kien zghir kienu gejjin.*

Tinkonkludi billi tghid li *'Ghadda z-zmien u sseparajna legalment'* u spiccaw li ma jitkellmux aktar.

Omm l-attrici tghid li hi mill-ewwel indunat li l-konvenut kien zorr u egoist - '*bniedem arroganti u l-kelma misthija ma tezistix ghalih, xejn ma kien jisthi basta komdu hu.'* Pero *'imma peress li kienet ghadha kif harget minn relazzjoni ohra fejn ukoll kont nifthilha hafna ghajnejha, kont noqghod lura hafna ghax hi kienet tahseb li jien inhassrilha ghal kullhadd.'* Tghid li l-konvenut kien jindahlilha f'kollox specjalment fl-infieq u tfaddil tal-flus. *'mhux lit-tifla biss kien jikkmanda imma lill-familja kollha'.* Issemmi l-incident ta' meta biddel minn jeddu is-serratura tal-bieb tal-kamra personali tal-attrici fid-dar taghhom.
Dwar ir-relazzjoni waqt l-gherusija tghid: *'Kont ninduna li t-tifla kienet qed tiddejjaq f'din il-hajja mieghu. Rari kienu johorgu.....u meta johorgu jispicca jorqod qisu mhux hemm.........Darba statqsejtha li kieku ma lahqux ghamlu d-data taz-zwieg kinitx thassar u qaltli iva. jien ghidtilha li ghadha fic-cans.'* Issemmi ukoll kif, meta l-attrici waqfet ir-relazzjoni, kien se jiggennen u ghamel minn kollox sabiex jirrangaw. Tirrakonta episodji bhal meta l-attrici kienet ser tixtri il-karozza minghand zijitha u ndahal hu biex talab prezz orhos minghajr ma gharraf lill-attrici; ghandhom kien immur tard hafna bl-iskuza li kellu hafna xoghol u hafna drabi kien jorqod. Tikkumenta li wara l-ewwel darba li dahal id-dar taghhom baqa' imur kuljum u *'beda jiehu over hu go dari.'*
Issemmi incidenti li graw: il-glieda li l-artijiet kellhom fuq il-post ta' misserihom qabel it-tieg; meta mar il-Germanja, il-firda ta' bejniethom wara iz-zwieg, il-vjolenza fuq l-attrici, l-incident ta' l-ahhar gurnata li ghamlet id-dar taghha, l-incident tat-tieg tat-tifla ta' oht ir-ragel meta qabez minn fuq cint ghall-isfel, l-ahhar glieda taghhom u meta l-konvenut iddahhal l-isptar ghall-kura psikjatrika. Izzid li '*A qaltilna li kienet xebghet tghix mieghu u kienet qed tidhol spiss xoghol halli kemm jista' jkun ma tkunx id-dar mieghu ghax kien sar difficli hafna.'*
Missier l-attrici jikkorrobora l-agir u l-karattru tal-konvenut. Jghid li '*kemm-il darba kont nghidlu biex jixtri post flimkien mat-tifla imma hu qatt ma wera nteress. Kien izjed mohhu li jiftah hanut ghal rasu.'* Jikkonferma li bl-attitudini zorr tieghu kien ikecci il-klijenti mill-hanut li kien jeggestixxi; jirrakonta dwar l-inkwiet fuq il-post tieghu ta' qabel iz-zwieg u kif dejjem ried li tghaddi tieghu. *'Jien kemm-il*

*darba ftahtlu ghajnejh li mhux qed jimxi sew mat-tifla imma flok jirrispondini kien jgholli spalltu u jibda jidhak....Jien nahseb li l-attitudini tieghu kienet hazina hafna maghna. Anki wara li telqet ghall-tlett (3) xhur mid-dar u regghet marret lura xorta baqa' ma nbidilx.'* Jikkonkludi billi jesprimi li '*Jien nahseb li dan iz-zwieg qatt ma rnexxa u mhumiex kapaci jghixu flimkien.'*

Ix-xhieda ta' oht l-attrici taqbel max-xhieda l-ohra u izzid - *'Ir-relazzjoni taghhom kienet stramba. Kien jigi jorqod u jaghmel dak li jghid hu biss u ta' spiss kien ihassibni ......'* Dwar id-data tat-tieg tghid *'Jiena qatt ma kont kuntenta li gara dan ghax f'qalbi kont naf li bejniethom dawn m'hemmx futur. Lill-ommi niftakarni nghidilha li A ghad terga' tigi lura maghna d-dar.'* Fil-gurnata tat-tieg oht l-attrici tistqarr li f'qalbha kellha dwejjaq kbar ghax kienet taf li ohtha kienet se taghmel zball kbir -*' Kont naf li dan mhux zwieg kif suppost ghax ohti kienet titkellem mieghi u kienet tghidli li bejniethom ma kienx hemm imhabba imma C qatt ma halliha bi kwietha. L-unika dispjacir li ghandi li ma waqqaftx it-tieg dakinhar ghax kieku illum il-gurnata ohti ma tinsabx f'din is-sitwazzjoni. It-tnejn kienu jahsbu li z-zwieg se jbiddel l-affarijiet imma wara li zzewgu ir-relazzjoni bejniethom giet aghar minn qatt qabel. Kullimkien kienu jmorru b'karozzi separati u rari biex jieklu flimkien. F'kelma wahda kienu qishom zewg persuni separati li kienu jghixu taht l-istess saqaf.'*

Josianne Attard li kienet ilha taf lill-konvenut ghaxar (10) snin tiddeskrivi lill-konvneut bhala '*bniedem dittatur. kollox li jghid hu. Huwa bniedem li jhobb il-flus fis-sens li fejn jidhlu l-flus ma jidhol hadd.'* Tghid li fil-prezenza taghha gieli il-komportament tieghu kien ikun arroganti u tghid ukoll kif waqt xi festin kien jorqod. Tghid li darba kien qalilha *'Dik ghalissa tpejjep. Kif nizzewgu, naqtaghlha s-sigaretti, li tilbes qasir u nghidlha tilbes li rrid jiena.'*

Jane Farrugia li tigi oht omm l-attrici issemmi incident ta' bejgh tal-karozza taghha li l-konvenut kien indahhal fuq il-prezz minghajr hadd ma qallu; '*huwa bniedem possessiv u kollox kif jghid hu.'* Tikkummenta li *'Ma kienx hemm l-ebda spark bejniethom anzi pjuttost wiccha kien juri swied il-qalb.'*

L-affidavit tal-gharus ta' oht l-attrici jinkludi incidenti li jindikaw kif il-konvenut *'Kien dejjem qisu jrid jaghmel kollox kif jghid hu.'*

**Verzjoni tal-konvenut.**

**L-affidavit tal-konvenut** jiffoka l-aktar fuq il-karattru tal-attrici kif '*kienet qisha trid tahrab mill-problemi, cioe' ma taffaccjhomx, hafna introverta u ta' ftit kliem, kwazi kwazi kienet tghidli li n-nies issibuha bhala 'l-istramba......... qisu ghandha xi haga tberren fuq mohha, inkwietata.'* Il-konvenut jallega li l-attrici '*sempliciment izzewwget biex tahrab u titlaq mill-problemi tal-familja taghha.'*

Kien jipprova jiskopri ghaliex kienet tkun inkwetata u kienet tibki mix-xejn. Jghid li hi zzewget sabiex tahrab mid-dar ta' ommha allavolja kienet vicin hafna taghha tant li kien jaraha wisq marbuta ma' ommha. Isemmi ukoll meta hames xhur qabel iz-zwieg hasret ir-relazzjoni u jghid li kienet zijitha li irrangathom.

Ghalih it-tieg kienet gurnata sabiha imma jikkummenta li fil-honeymoon l-attrici iddejqet ghax immissjat lill ommha.

Skont il-konvenut il-hajja konjugali kienet wahda ta' stress ghall-attrici. Jixhed fit-tul dwar relazzjoni li l-attrici kellha ma' certu Darren Agius li kien kollega tax-xoghol u ma' Giancarl, kollega iehor tax-xoghol. Isemmi l-argumenti li kien ikollhom u l-couselling li marru - *'Hi hafna drabi kienet tinfaqa' tibki u tgerger b'ugigh ta' stonku u jien kont inhossni qisni hemm ghalxejn fir-relazzjoni peress li qatt ma riedet tiftah qalbha mieghi. Jiena hafna drabi kont waqt l-gherusija u sahansitra wara, inhossni li qieghed inrabbi tifla peress li A kienet persuna fragli mmens peress li kellha qalbha zghira, tibki mix-xejn u decizjonijiet qisha tibza' tehodhom.'* Jghid li kellha *low self esteem* u hafna *needs* u *insecure* minnha nnifisha. *'Meta kien qed jitfarrak iz-zwieg hi qaltli li hi kienet thobbni biss bhala best friend u mhux bhala r-ragel taghha. Jien dak il-kumment hadtu bi kbir hafna.'*

Il-konvenut kellu *'dubji serji jekk A kinitx taf xi jfisser iz-zwieg peress li hi l-att sesswali waqfitu unilateralment u minghajr l-ebda raguni, l-unika raguni kienet li ma tafx x'qieghed ittiegha.'*

Il-konvenut kien konvint li l-abbuz sesswali li allegatament kienet soffriet l-attrici kien halla impatt psikologiku fuqha u

hi qatt ma riedet tiehu ghajnuna biex forsi tirkupra minn din l-esperjenza.

Jiddeskrivi lill-attrici bhala bniedma li meta jigrilha xi haga hazina tehodhom hafna bi kbar, ma kinitx thossha komda tiftah qalbha mieghu, tibza tiehu decizjoni peress li tibza mir-responsabilitajiet.

Dwar li kellu jmur ghand psikjatra f'Mater Dei, il-konvenut jispjega '*li peress li jiena hadt hafna bi kbira l-fatt li A telqitni u l-fatt li rajtha titbewwes ma' haddiehor ghax jiena lil A kont inhobbha.'*

**Omm il-konvenut** tiddeskrivi lil binha bhala bniedem pacenzjuz hafna, mhux rasu iebsa, determinat fid-decizjonijiet u kapaci jidhol ghar-responsabilitajiet.

Fil-gurnata taz-zwieg innutat li l-attrici kienet naqra bit-tensjoni u mhux daqstant ferhana '*imma C qisu ma nduna b'xejn. Jien qisu rajtu bhala zwieg ta' bilfors.'* Tghid li A kienet iggib l-ewwel il-genituri taghha mbaghad lil C. Kienet taraha kwieta u introverta hafna, tibza' mir-responsabilitajiet u mid-decizjonijiet u taqta' qalbha minn kollox. Dwar it-tifrik taz-zwieg tghid: *'Meta A telqitu jien ma hadthiex bi kbira jigifieri jien qisni kont qed nistennijha li se taghmel hekk peress li din kienet ga ghamlituli darb'ohra cioe kienet diga telqitu mbaghad irrangaw u anka meta kienu gharajjes A kienet telqitu.'*

**Missier il-konvenut** jikkumenta li *'l-karattru ta' C huwa totalment differenti minn dak ta' A, filwaqt li A ma tlissinx kelma meta tkun maghna C huwa kunfidenti, jkompli, socjevoli u determinat. C jisma' u jiehu in konsiderazzjoni l-opinjonijiet ta' haddiehor.'*

Dwar ir-relazzjoni taghhom jghid: *'Fi ftit kliem jien ma kontx nara lil A felici u ferhana ma' C imma jien kont nghid forsi dan il-karattru taghha...........Il-karattru taghha kont narah misterjuz'.*

Dwar il-gurnata tat-tieg kien innota li A *'ma kinitx ferhana kienet propju mismuta. ....jien dan l-agir laqatni hafna ghax suppost mara waqt it-tieg taghha ghandha tkun ferhana u mhux qisha mismuta.'*

Dwar il-problemi li kellhom jitfaccjaw jikkumenta li *'C ma ridx jammetti bil-probelmi li A holqot u hu ghamel zmien ma riedx jaccetta li z-zwieg tieghu kien qieghed jispicca.'*

**Oht il-konvenut** xehdet li meta bdiet issir taf lil A bdiet tinduna li '*A qisha dejjem hosbiena u qisha bid-dwejjaq, ta'*

*ftit kliem - kienet hafna introverti.'* Tikkumenta dwar id-differenza fil-karattri ta' C u A - kif kienu opposti ta' xulxin. Dwar iz-zwieg tghid li *'xi ftit granet qabel ma zzewgu kienet qisha indeciza fuq il-pass li ha tiehu u fil-fatt zijitha, Josianne, li kienet xhud, kienet osservat fis-sakristija li sa fl-ahhar A saret taf xi trid u nehhet id-dubji li kienu hakkmhua fiz-zmien qabel ma zzewgu.'* Fil-gurnata tat-tieg tirrakonta li *'ohtha Leandra bdiet tibki biki sfrenat u shanasitra spiccajna barra s-sala u A bdiet tassigura lil ohtha li se tibqa' tmur lura d-dar ta' tfulita.'*

Xehdu ukoll, permezz ta' affidavit hbieb tal-attrici -**Jan Karl Gatt, Christian Aaron Bonanno,** u **Kimberly Brown.**

Mil-file mediku li gie prezentat jidher li tlett (3) snin fiz-zwieg, C D iddahhal l-isptar *'b'depression with suicidal ideation'* .

**Fr John Avellino,** fix-xhieda tieghu *viva voce* jghid li, bhala procedura normali qabel mal-partijiet jidhlu ghaz-zwieg jaghmel laqgha maghhom biex ikun jaf il-motivazzjonijiet taghhom qabel jidhlu fiz-zwieg. Dwar il-laqgha ta' A u C jirraporta li '*Mid-diskussjoni hassejt li kien hemm certa incertezza - hekk zvolgejt. Jiena ghidtilhom li minkejja li z-zwieg kien fuq l-ghatba (iltqajna 15-il gurnata qabel) biex jahsbuha sewwa. Dan hu li gara qabel iz-zwieg.'* Dawn l-incertezzi Fr Avellino jghid li ma jiftakarx x'kienu pero' jammetti li kien inkweta.

**Fr Paul Galea,** psychologist taz-zewg partijiet ftit zmien wara iz-zwieg, fix-xhieda tieghu *viva voce* jghid li *'A kienet imdejqa fiz-zwieg u wahda mir-ragunijiet kienet ghax thoss li C dominanti fuq il-liberta' taghha u ghal xi raguni jew ohra hi ma kellhiex il-forza li tirreagixxi. Jiddeskrivi lil C bhala ego seeker jigifieri determinat li jilhaq l-iskop tieghu, kapaci jeghleb l-ostakli li jsib waqt li A hija timida u passiva jigifieri zzomm kollox go fiha.'* Dwar ir-relazzjoni specifika taghhom jghid li: '*relazzjoni hija relattivita' - kieku zzewweg xi hadd iehor dominanti probabbilment ir-relazzjoni kienet tkun differenti. Nghid li r-relazzjoni u mhux l-attegjament tieghu ghax dan baqa' l-istess sakemm ma jkollux insights li bih jinduna bl-effetti ta' l-imgieba tieghu. Nghid li dan iz-zwieg telaq hazin. Kien hemm l-inkwiet fil-bidu nett jew flimkien u separatament.....jiena ghedt lil A li hi qatt ma kienet thobb*

*u ma kellhiex kuragg tohrog minn din ir-relazzjoni.'* F'ittra li Fr Paul kien kiteb lil avukat difensur tal-attrici jesprimi li *'I was not surprised to know that she had separated from her husband............My general impression is that she was not enthusiastic about the relationship and for some reason or other she kept on with it despite the fits and starts prior to the wedding. C her husband is described by her as a dominant and forceful person. He would never take no for an answer and would always get it his way. While he would explain this as a sign of his commitment to her, she read it differently as not being sensitive enough to her feelings and to her personal freedom.'*

**Leandra Curmi** oht l-attrici, fil-kontro-ezami tikkonferma li *'Fr Hayden kien issugerixxa li l-partijiet ihassru d-data taz-zwieg. Nghid li jien kont prezenti waqt id-diskussjoni bejn il-partijiet dwar dan is-suggeriment li jhassru d-data. Kien hemm wisq problemi. Nghid li -zwieg imbaghad sehh minhabba pressure kbira da parti ta' C u smajtu jghid "Zgur li le li nhassru d-data taz-zwieg". Nghid li kien ghad fadal ghad-data pero' is-sala kienet ibbukjata u anke hafna mill-preparamenti.'*

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**L-Azzjoni**

L-attrici fil-premessi taghha qed titlob li z-wieg taghha minn mal-konvenut jigi dikjarat null ghaliex skont l-attrici il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-konvenut li jwettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg'.

Il-konvenut fil-premessi tieghu qed jitlob illi kien il-kunsens tal-attrici li kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjoni essenzjali taz-zwieg u dan *a termini* ta' l-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kien vizzjat ukoll minhabba l-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi

essenzjali tal-hajja mizzewga u specjalment ghad-dritt ghall-att taz-zwieg u ghax l-attrici ghalkemm dan *ai termini* ta' l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta u ukoll l-attrici, ghalkemm mhux interdetta jew marida minn mohha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanji, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dan ai termini ta' l-artikolu 19 (1) (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Artikolu 19 (1)** jipprovdi illi:

B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skont xi disposizzjoniji ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:

(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

(f) jekk il-kunsens ta'' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

(h) jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida b'mohha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Ikkunsidrat

Fir-rigward tas-sub inciz (f) jinghad is-segwenti:

Dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni ghalkemm kien ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi jew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard" (**Prim’ Awla: 15 ta' Marzu 2000**)** inghad:

*Il-kunsens taz-zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma’ persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma’ dik il-persuna u*

*bejniethom jikkrejaw shubija fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin,"*

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wahda mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti kunsens validu ghaz-zwieg, pero bl-atti tieghu qabel u fil-bqija tal-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga...........jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskluda xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga..."*

Dan is-sub inciz qed jirreferi ghal dawk is-sitwazzjonijiet fejn wiehed ma jkollux intenzjoni li jizzwewweg izda jkun qed jersaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg sabiex jilhaq xi ghan ulterjuri, per ezempju iz-zwigijiet ta' konvenjenza sabiex dak li jkun jottjeni passaport Malti. Fil-fehma tal-Qorti ma ngabu l-ebda provi li jindikaw li xi hadd mill-partijiet kien qed jersaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg b'dan l-animu.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti il-premessa imsejsa fuq is-sub inciz (f) fuq citat ma treggix.

Ikkunsidrat

Fir-rigward tas-sub inciz (d) jinghad is-segwenti:

Biex l-azzjoni tirnexxi ab bazi tas-sub inciz (d) trid qabel xejn issir il-prova li l-kunsens tal-partijiet, jew ta' wiehed jew wahda minnhom, kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.

Diskrezzjoni hija spjegata bhala taghrif u apprezzament ta' oggett dwar xiex il-mohh jirrifletti fuq dak li jaghmel u fuq dak li jiddelibera. Allura taghrif biss dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, fil-veru sens tal-kelma mhux sufficjenti, persuna jrid ikollha fakulta' ta' apprezzament / evalutazzjoni - il-persuna trid tkun kapaci tevalwa xi jfisser zwieg. Mhux necessarju li wiehed jifhem il-valuri u l-implikazzjonijiet kollha li jgib mieghu iz-zwieg imma almenu wiehed irid ikun jaf l-affarijiet bazici li jinkludu id-drittijiet, id-doveri u l-obligazzjonijiet u jridu jhobbu, jghinu u jassistu sakemm l-unjoni taz-zwieg tibqa' tezisti.

Dan it-taghrif irid ikun valutat - il-persuna jrid ikollha livell ta' helsien psikologiku li huwa necessarju u sufficenti biex jassigura il-poter baziku tal-ghazla.
Difett serju ta' diskrezzjoni jista' jigi mifhum li persuna setghat ezercitat diskrezzjoni bzonnjuza imma bhala att ta' fatt ma ghamlithiex jew persuna kellha nuqqas ta poteri diskrezzjonali minhabba li fatturi psikologici jirrendu l-persuna inkapaci biex tqis in-natura taz-zwieg jew tad-drittijiet u l-obbligi essenzjali marbutin maz-zwieg u konsegwentement inkapaci li taghzel liberament.
Mhux bizzejjed li l-persuna tkun matura intelletwalment imma irid ikun hemm maturita' tar-rieda jigifieri abilita' li tiehu decizjonijiet responsabbli; irrid ikollha fakultajiet kritici u liberta' interna biex taghzel biex tkun tista' tikuntratta zwieg validu.  L-element tal-liberta' huwa essenzjali ghax iz-zwieg huwa kuntratt ghal futur.
Fl-assenza ta' maturita' intelletwali jew ta' rieda jew ossia fin-nuqqas ta' fakultajiet kritici u liberta interna, id-diskrezzjoni ta' gudizzju jirrendi ruhu difettuz u jkun ta' ostaklu li jeffettwa il-veru att tal-kunsens.  Tali ostakoli jistghu jirrizultaw minn a) nuqqas ta' armonia li tezisti bejn l-istruttura tal-personalita'; b) diffikultajiet fir-relazzjoni sesswali; c) nuqqas ta' percepizzjoni tal-oggett tal-kunsens; d) nuqqas ta' liberta' fl-ghazla; e) difett fil-liberta' interna.
Dan gie affermat diversi drabi mill-Qrati taghna.  Fil-kawza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (Prim' Awla: 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritiko-estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.  Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk ma hux sempliciment nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati - in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju.  Anqas ma jfisser li ghax ikun hemm element ta' indecizjoni jew dubju dwar ghazla tal-*

*istat ta' hajja, dana huwa necessarjament dovut ghal nuqqas (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19 (1) (d) irid ikun hemm l-inkacapita psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali." (*ara **Emmanuel Camilleri v. Carmen Camilleri"** Prim' Awla: 10 ta' Novembru 1995)

Kif gie ritenut fil-kawza **"Janet Portelli v. Victor Portelli"** (Prim' Awla: 14 ta' Awissu 1994) *"It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypothesis is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3)or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within."*

Fil-kawza **Tonna v Tonna** (Prim'Awla: 31 ta' Jannar 1996) dwar id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju intqal li "*dan irid jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritiko-estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. B'immaturita' affettiva wiehed , naturalment, ma jifhimx sempliciment nuqqas ta' affett lejn persuna partikolari jew nuqqas ta' gibda lejha jew nuqqas ta' mhabba.'*

Imma kif jispjega l-**Professur Diego de Caro** tal-Universita ta' Ruma*: 'L-immaturita' affettiva qui accennata consiste nella non raggiunta maturazione dell' affettivita' nell'adolescenza, periodo di transizione tra la fase di dipendenza infantile e quella di auto-sufficienza di responsabbilita' dell'adulto. Sono principalment considerati nell'affettivita' gli istinti, i sentimenti e le*

*emozioni.'* (De Caro, D., L'immaturita' Psico-Affettiva nel Matrimonio Canonico in Bonnett)

**Bersini, F**., fil-diritto Canonico Matrimoniale P.97 jiddeskrivi hekk din l-immaturita': "*Secondo gli psichiatri, 'l immaturita affettiva si articola nei seguenti aspetti: dipendenza eccessiva nel confronto della madre e delle figure che la sostituiscono, in relazione a tale dipendenza, una incapacita' di tollerare le frustrazioni, che, qualora si verifichino, danno luogo a manifestazioni depressive caratteristiche; scarso controllo emotivo con iperespressivita' dei fenomeni affettivi, che sempre sono eccessivamente esuberanti, a carattere infantile (Crisi di collera, di lacrime, ecc.) egocentrismo; assenza abituale di ogni ansieta'. che contrasta con la gravita; apparente dei sintome; il sintomo sembra restare separato dalla personalita."*

Ikkunsidrat:

Wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha migjuba din il-Qorti hija tal-fehma li l-kunsens tal-partijiet fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg kien afflitt b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg peress li fil-mument tal-kunsens, fatturi psikologici ostakolaw l-ghazla libera tal-partijiet u irrendihom inkapaci jaghtu kunsens validu. Ic-cirkostanzi, b'rizultat ta' l-inkwiet li sabu ruhhom fihom il-partijiet qabel ma izzewgu, naqqsu sostanzjalment l-armonia li ghandha tezisti bejn l-istruttura tal-personalita' sabiex il-kunsens ikun validu u dan in-nuqqas irrenda l-liberta interna diffettuza.

Fl-gherusija, li damet sitt snin, il-partijiet kienu konsapevoli li l-karattri ta' xulxin, kienu differenti u opposti - l-attrici tghid li l-kommunikazzjoni bejniethom kienet skarsa, irrealizzat pero', kif irrealizaw il-familjari taghha, li l-konvenut ma tantx kien ihobb jissocjalizza, kien jindahhlilha f'kollox specjalment fil-flus, dominanti u kien zorr man-nies u anke kien xi minn daqqiet vjolenti filwaqt li l-konvenut, minn naha l-ohra induna, bhalma indunaw anke niesu, li l-attrici kienet introverta, misthija, ta' ftit kliem, misterjuza, dependenti specjalment fuq ommha, tibki mix-xejn u kien sar jaf bl-esperjenza sesswali u negattiva li kienet iffaccjat l-attrici f'eta' zghira.

Din id-differenza ma jidhirx li kienet accettata u ikkawzat infelicita' fl-gherusija u l-maggior parti tax-xhieda, kemm minn naha u kemm minn ohra, jikkumentaw fuq ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet qabel iz-zwieg - kemm ma kinitx wahda felici u kienu hassru diversi drabi. Dawn ix-xhieda jinkludu oht l-attrici li kienet vicin hafna taghha u li tghid: 'J*ien qatt ma kont kuntenta li gara dan (iffissaw id-data tat-tieg) ghax f'qabli kont naf li bejniethom dawn m'hemmx futur.';* Omm l-attrici li tixhed: *'Kont ninduna li t-tifla kienet qed tiddejjaq f'din il-hajja mieghu.'* u missier il-konvenut li jghid: *'Fi ftit kliem jien ma kontx nara lil A felici u ferhana ma' C imma jien kont nghid forsi dan il-karattru taghha.'*
L-incertezza ta' dan il-perjodu jidher bic-car mill-ittra, pprezentata mill-konvenut u li kienet kitbitlu l-attrici, fejn espremiet: *'il-feelings tieghi huma verament imhawda....qisni qasba tixxejjer mar-rih, ma nafx liema direzzjoni ser naqbad niehu.'* u dan minbarra id-dubji li esprimew il-familjari rispettivi.
Xahar biss qabel ma zzewgu inqala’ inkwiet fuq id-dar fejn kienu sejrin joqghodu; infirdu, regghu flimkien u sabu dar ohra u fid-data tat-tieg li kienu iffissaw uzaw il-preparamenti li kienu ghamlu u zzewgu! Ix-xhud Fr Paul jikkumenta: *'Nghid li dan iz-zwieg telaq hazin..........A qatt ma kienet thobb u ma kellhiex kuragg tohrog minn din ir-relazzjoni'.*
Il-Qorti hi tal-fehma li mill-kwadru premess, il-partijiet, ghalkemm kienu jafu x'inhi in-natura taz-zwieg, ma setghax kellhom maturita’ u l-abilita' sabiex jiehdu decizjoni responsabbli u lanqas ma kellhom liberta interna biex jaghzlu, meta fis-sitwazzjonijiet ta' inkwiet u disgwid li kienu jinsabu fihom il-partijiet iddecidew li jizzewgu u fil-fatt izzewgu u ghaldaqstant jikkonfigura fil-konfront taz-zewg partijiet il-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu (d) ta' l-artikolu precitat.

**Decide**

Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fis-27 ta' Lulju 2007 huwa null u minghajr effett legali ai termini ta' artikolu 19 subartikolu 1

paragrafu (d)  ta' l-Att XXXVII ta' l-1975 dwar iz-Zwieg (Kap 255) u dan ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet;
2. Tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.
Bl-ispejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------